

Brussell, 4 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8828/26

ENER 215
FISC 160
ECOFIN 563
COMPET 518
ENV 445
IND 303

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 850 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW Dwar il-prezzijiet tal-provvista tal-elettriku bbażati fis-suq, il-kompetizzjoni effettiva fis-suq bl-imnut u l-promozzjoni tar-remunerazzjoni tal-flessibbiltà fil-kuntratti bl-imnut

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 850 final.

Mehmuż: COM(2026) 850 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2026
COM(2026) 850 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**Dwar il-prezzijiet tal-provvista tal-elettriku bbażati fis-suq, il-kompetizzjoni effettiva
fis-suq bl-innut u l-promozzjoni tar-remunerazzjoni tal-flessibbiltà fil-kuntratti bl-
innut**

INTRODUZZJONI

L-Artikolu 5(10) tad-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku¹ (minn hawn 'il quddiem id- "Direttiva (UE) 2019/944" jew id- "Direttiva dwar l-Elettriku") jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 5 dwar il-prezzijiet tal-provvista bbażati fis-suq u l-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet għall-provvista tal-elettriku.

F'konformità mal-impenn tagħha li tippromwovi l-affordabbiltà tal-enerġija u li tippermetti parteċipazzjoni flessibbli fis-swieq tal-elettriku, il-Kummissjoni, kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni għal enerġija affordabbli² (AEAP, Affordable Energy Action Plan), tfittex li tippromwovi r-remunerazzjoni³ bħala mezz għal enerġija aktar affordabbli, inkluż permezz ta' kostijiet aktar baxxi tal-provvista tal-elettriku.

Is-swieq kompetittivi bl-impnut u l-flessibbiltà min-naħa tad-domanda huma marbutin mill-qrib ma' aspetti oħra tal-AEAP, u b'mod partikolari kemm mal-istrateġija tal-elettrifikazzjoni kif ukoll mal-istrateġija tad-diġitalizzazzjoni tal-Kummissjoni, li għandhom ukoll enfasi b'saħħitha biex jitwasslu b'mod li jkun faċli għall-konsumatur⁴.

L-ewwel kapitolu ta' dan ir-rapport jiffoka fuq il-prezzijiet bl-impnut ibbażati fis-suq, kif meħtieġ mill-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/944, li huma kruċjali biex tinħoloq kompetizzjoni effettiva bejn il-fornituri u biex jittejjbu l-offerti tas-suq lill-konsumaturi. Dan jenfasizza wkoll prattiki li jgħinu lill-Istati Membri bl-implimentazzjoni tagħhom tal-Artikolu 5. Il-prezzijiet ibbażati fis-suq huma importanti wkoll għall-forniment ta' kuntratti flessibbli. Fl-Istati Membri fejn l-interventi fil-prezzijiet għadhom fis-seħħ, din it-tranżizzjoni trid tiġi mmaniġġjata bir-reqqa biex tiġi ssalvagwardjata l-affordabbiltà, filwaqt li jkunu permessi sinjali ċari tal-prezzijiet biex jappoġġaw il-kuntratti flessibbli bl-impnut.

Il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda⁵, li tista' tiġi pprovduta b'diversi mezzi, għandha rwol ċentrali fl-allinjament tas-swieq mal-ħtiġijiet tal-konsumaturi, filwaqt li twassal affordabbiltà, iffirankar, u effiċjenza tas-sistema. Il-flessibbiltà tagħti valur kemm direttament lill-konsumaturi parteċipanti, permezz ta' prezzijiet aktar baxxi u użu aħjar tal-enerġija, kif ukoll lis-sistema usa' billi tnaqqas il-kostijiet u ttejjeb l-effiċjenza. Madankollu, il-prinċipju gwida jrid ikun li l-flessibbiltà taqdi lill-konsumaturi, u mhux tkun ta' piż għalihom u li l-offerti bl-impnut u l-inċentivi tas-sistema jkunu mfassla biex jiżguraw iċ-ċarezza, l-ekwità, u l-inklużività. Sabiex dawn il-benefiċċji jitwettqu fil-prattika, il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda għandha tiġi promossa b'mod attiv kull fejn toħloq benefiċċji ċari. Dan japplika b'mod partikolari għall-klijenti finali li huma attrezzati u mmotivati biex jipparteċipaw fis-suq bl-impnut, iżda wkoll għas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi.

¹ Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (riformulazzjoni) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE.), (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125), l-Istati Membri kienu meħtieġa jlestu t-traspożizzjoni qabel il-31 ta' Diċembru 2020 ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/944/oj>.

² COM(2025)79 final, "Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija affordabbli: Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha".

³ Fil-kuntest ta' dan id-dokument, il-kuntratti għall-provvista tal-elettriku bl-impnut jirreferu l-aktar għall-kuntratti konklużi bejn il-fornituri tal-enerġija u l-klijenti li ma jstgħux jaċċessaw is-swieq bl-ingrossa direttament, bħall-unitajiet domestiċi u n-negozji (eż. l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-mikrointrapriżi).

⁴ Kif imħabbar fil-pjan ta' azzjoni għal enerġija affordabbli, il-Kummissjoni se tressaq pjan ta' azzjoni għall-elettrifikazzjoni u pjan direzzjonali strateġiku għad-diġitalizzazzjoni u għall-intelliġenza artifiċjali (IA) għas-settur tal-enerġija.

⁵ Skont l-Artikolu 2(79) tar-Regolament (UE) 2019/943 "flessibbiltà" tfisser l-abbiltà ta' sistema tal-elettriku li taġġusta għall-varjabbiltà tax-xejriet tal-ġenerazzjoni u tal-konsum u għad-disponibbiltà tal-grilja, tul il-perjodi taż-żmien rilevanti tas-suq.

It-tieni kapitolu ta' dan ir-rapport jiffoka fuq il-forniment tal-flessibbiltà permezz ta' kuntratti bl-innut⁶ fejn il-konsumaturi jistgħu jirrispondu għas-sinjali tal-prezzijiet billi jbiddu l-użu tal-elettriku tagħhom. Il-forniment ta' tali flessibbiltà għandu l-għan li jagħti spinta lill-involviment tal-konsumaturi billi jinċentiva aġġustamenti fl-użu tal-enerġija li jallinjaw mad-dinamiċi tal-provvista u tad-domanda, filwaqt li jissalvagwardja l-affordabbiltà u jipproteġi lill-konsumaturi vulnerabbli.

1. PREZZIJET TAL-PROVVISTA BBAŻATI FIS-SUQ

L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944 jipprevedi li l-fornituri kollha huma liberi li jiddeterminaw il-prezz li bih ifornu l-elettriku lill-klijenti. Flimkien mad-dritt tal-klijenti li jagħżlu l-fornitur tagħhom stess, dan huwa element ewlieni tad-Direttiva dwar l-Elettriku biex jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u aċċess miftuħ għall-fornituri kollha.

L-Artikolu 5 għandu jippermetti lill-konsumaturi jibbenefikaw bis-sħiħ minn suq intern liberalizzat tal-elettriku li jħeġġeġ kompetizzjoni abbażi tal-prezzijiet kif ukoll kompetizzjoni mhux abbażi tal-prezzijiet fost il-fornituri tal-elettriku, jattira parteċipanti ġodda u fl-aħħar mill-aħħar itejjeb l-għażla u s-sodisfazzjon tal-konsumaturi. Is-swieq liberalizzati tal-enerġija jgħinu wkoll biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minn flessibbiltà mtejba u minn investiment imtejjeb tal-enerġija f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli filwaqt li jikkontribwixxu għall-istabbiltà tal-grilja permezz tar-rispons tad-domanda. Minbarra l-Artikolu 5, id-Direttiva dwar l-Elettriku fiha miżuri oħra li jiffaċilitaw il-kompetizzjoni u l-għażla tal-konsumaturi, bħall-għodod għat-tqabbil tal-prezzijiet, il-kontijiet akkurati, il-miters intelliġenti u d-drittijiet għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti.

L-Artikolu 5 jippermetti wkoll lill-Istati Membri jintervjenu fl-iffissar tal-prezzijiet — jew biex jipproteġu klijenti vulnerabbli u f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku, jew għall-unitajiet domestiċi u għall-mikrointrapriżi kollha bħala parti minn tranżizzjoni lejn kompetizzjoni kompletament effettiva, skont kriterji stretti. Intervent fl-iffissar tal-prezzijiet (imsejħin ukoll “prezzijiet regolati”) ifisser li mill-inqas fornitur bl-innut wieħed ikun ristrett fil-kapaċità tiegħu li jiddetermina liberament il-prezz li bih ibiġh l-elettriku permezz ta' mill-inqas wieħed mill-kuntratti tiegħu⁷. Il-prezzijiet regolati jistgħu jkunu effettivi fl-istabbilizzazzjoni tal-prezz tal-enerġija għall-konsumaturi finali. Madankollu, dawn potenzjalment ineħħu s-sinjali tal-prezz lill-konsumaturi, inaqsu l-inċentivi għall-effiċjenza enerġetika u jimminaw il-kompetizzjoni, għad-detriment tal-konsumaturi fit-tul.

Dan ir-rapport jivvaluta l-mekkaniżmi tal-iffissar tal-prezzijiet fis-swieq bl-innut madwar l-Istati Membri minn meta d-Direttiva dwar l-Elettriku daħlet fis-seħħ f'Lulju 2019. Dan jiġi infurmat b'rapporti sottomessi mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5(9)⁸ kif ukoll b'analiżi u b'data mill-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER, Agency for the Cooperation of Energy Regulators), b'data mill-Eurostat u b'riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni.

Minkejja l-kriżi tal-enerġija f'dawn l-aħħar snin (konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-invażjoni mhux ġustifikata tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022), hemm indikaturi ta' kundizzjonijiet kompetittivi mtejba fl-Unjoni, speċjalment fl-Istati Membri li ma għandhom l-ebda regolamentazzjoni tal-prezzijiet. Madankollu għad hemm lok sinifikanti għal titjib. L-

⁶ Dan it-tip ta' rispons tad-domanda normalment jissejjaħ rispons tad-domanda bbażat fuq il-prezz (jew impliċitu) peress li l-konsumaturi jirrispondu għall-bidliet fil-prezzijiet tal-elettriku bl-innut u jċaqilqu l-konsum tagħhom lejn perjodi ta' żmien meta l-elettriku jkun orħos.

⁷ Interventi bħal pagamenti ta' darba lill-unitajiet domestiċi, vawċers u tnaqqis fil-VAT u fid-dazji tas-sisa, li ma jillimitawx il-kapaċità tal-fornituri li jiddeterminaw il-prezzijiet b'mod liberu, ma humiex koperti mill-Artikolu 5. L-interventi tas-suq bl-ingrossa ma humiex permessi skont id-Direttiva dwar l-Elettriku.

⁸ Dwar l-implimentazzjoni tagħhom tal-Artikolu 5 skont l-Artikolu 5(9).

Istati Membri jeħtieġ li jwettqu pjanijiet direzzjonali li jiddeskrivu perkors għal tranżizzjoni lejn kompetizzjoni effettiva u li jsaħħu l-iżvilupp ta' aktar flessibbiltà fis-swieq bl-imnut.

Kaxxa 1. Interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet matul il-kriżi tal-enerġija

Il-kriżi tal-enerġija żiedet il-prezzijiet bl-imnut b' mod sinifikanti fl-2022, filwaqt li l-livelli tal-prezzijiet baqgħu għoljin għall-maġġor parti tal-2023 u tal-2024.

Il-Kummissjoni pprovdiet gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Elettriku matul il-kriżi⁹ bħala parti mill-komunikazzjoni REPowerEU (COM(2022)108 final). Din ġiet segwita mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija li temporanjament espandew l-għażliet disponibbli għall-Istati Membri biex jintervjenu fl-iffissar tal-prezzijiet tal-elettriku¹⁰.

Matul il-kriżi, l-għodod ta' intervent użati mill-Istati Membri inkludew interventi fil-prezzijiet fuq il-prezzijiet bl-imnut, tnaqqis tal-VAT, u krediti u vawċers tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi. B' mod ġenerali, il-kriżi rat ċaqliq ta' klienti f'ħafna Stati Membri għal offerti regolati, limitati jew inkella protetti. Filwaqt li l-maġġoranza tal-miżuri ġew stralċjati, xi wħud baqgħu attivi sal-2025.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Elettriku introduċiet l-Artikolu 66a, li jippermetti lill-Kunsill jiddikjara kriżi tal-prezzijiet madwar l-Unjoni jew reġjonali, u dan jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu temporanjament prezzijiet taħt il-kost u jestendu l-appoġġ lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) taħt kundizzjonijiet stretti biex jissalvagwardjaw il-kompetizzjoni, l-effiċjenza enerġetika, u l-inċentivi għat-tnaqqis tad-domanda.

1.1 Status kurrenti tar-rapportar mill-Istati Membri dwar id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5

L-Istati Membri¹¹ rrapportaw dwar l-implimentazzjoni tagħhom tal-Artikolu 5 kif ġej: Il-biċċa l-kbira tar-rapporti ntbagħtu sal-31 ta' Marzu 2025 u jirriflettu s-sitwazzjoni f'din id-data:

- 14 irrapportaw li ma implimentawx l-intervent fil-prezzijiet: l-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Latvja, in-Netherlands, l-Iżvezja u s-Slovenja.
- Tliet Stati Membri jirrapportaw intervent biss għal unitajiet domestiċi vulnerabbli u f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku: il-Belġju, l-Italja u l-Portugall.
- Sitt Stati Membri jirrapportaw l-intervent fil-prezzijiet għall-unitajiet domestiċi u/jew għall-mikrointrapriżi kollha fi tranżizzjoni lejn swieq kompletament kompetittivi: il-Bulgarija, Spanja, Franza, l-Ungerija, il-Litwanja, u s-Slovakkja.
- Tliet Stati Membri jirrapportaw interventi fl-iffissar tal-prezzijiet li jintemmu fl-2025: il-Polonja (Settembru 2025), il-Portugall (Diċembru 2025) u r-Rumanija (Lulju 2025)
- Żewġ Stati Membri nnotaw derogi mill-applikazzjoni tal-Artikolu 5 u li r-rapportar konsegwentement ma kienx meħtieġ¹²: Ċipru u Malta

⁹ [REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli – COM/2022/108 final](#)

¹⁰ Ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament hija prevista fir-[Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tal-interventi ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill \(UE\) 2022/1854 – l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE](#).

¹¹ Fl-2024, il-Kummissjoni pprovdiet mudell biex tiffaċilita dan ir-rekwiżit.

¹² l-Artikolu 66(4) (Ċipru, ħidma kontinwa biex tiġġedded id-deroga) u 66(5) (Malta).

Skont l-Artikolu 5(8), l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet tagħhom li jirregolaw il-prezzijiet bl-implimentazzjoni ta' żmien xahar wara l-adozzjoni tagħhom. Dan l-obbligu jinkludi wkoll il-modifiki sostanzjali kollha tal-iskemi li għaddejjin (eż. estensjoni tal-benefiċjarji). Dawn l-obbligi għandhom jiġu ssodisfati sistematikament.

1.2 Intervent fil-prezzijiet għall-benefiċċju ta' konsumaturi vulnerabbli u f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku

L-Artikolu 5(2) jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-politiki soċjali jew lill-interventi mhux ibbażati fuq il-prezz biex jipproteġu lill-klijenti vulnerabbli jew f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku. Tali miżuri jistgħu jieħdu l-forom stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (2023/2407) dwar il-faqar enerġetiku¹³ li tiffoka fuq soluzzjonijiet strutturali biex jindirizzawh.

Minkejja dan, l-Artikolu 5(3) jippermetti lill-Istati Membri jimplimentaw interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet. Tali interventi jridu jsiru f'qafas usa' ta' interventi mmirati biex jappoġġaw individwi vulnerabbli u f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku fil-kuntest tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs, National Energy and Climate Plans) tagħhom¹⁴.

L-Artikolu 5(4) jirrikjedi li l-interventi pubbliċi fl-ipprezzar tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli jaqdu interess ekonomiku ġenerali, ikunu trasparenti u mhux diskriminatorji, jiżguraw aċċess ugwali għall-fornituri, ikunu limitati fiż-żmien u proporzjonati, u jevitaw kostijiet addizzjonali diskriminatorji għall-parteċipanti fis-suq.

Il-Belġju, l-Italja u l-Portugall irrapportaw interventi fl-iffissar tal-prezzijiet (permezz ta' tariffi soċjali) li japplikaw biss għal unitajiet domestiċi vulnerabbli u f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku. Dawk l-interventi huma parti minn strateġiji usa' f'dawk il-pajjiżi biex jiġi miġġieled il-faqar enerġetiku. Spanja stabbiliet ukoll mekkaniżmu “bono social” li jista' jitqies ukoll bħala intervent skont l-Artikolu 5(3).

Filwaqt li fil-Belġju, is-sehem mis-suq ta' dan l-intervent huwa limitat għal 9,9 % tal-unitajiet domestiċi¹⁵, fl-Italja, l-intervent fil-prezzijiet għall-klijenti vulnerabbli, *Esercenti maggior tutela per clienti vulnerabili*, ikopri 35 % tal-unitajiet domestiċi minħabba li l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà huma usa'¹⁶. Fil-Portugall, it-tariffa soċjali¹⁷ hija identifikata bħala miżura ta' politika soċjali fl-*Estratġia Nacional de Longo Prazo para o Combate à Pobreza Energética* tal-Portugall (Strateġija fit-Tul għall-Ġlieda Kontra l-Faqar Enerġetiku) 2023–2050 u fl-2022 kopriet 13 % tal-konsumaturi tal-elettriku¹⁸.

L-Istati Membri huma mħeġġa jagħtu prijorità lil miżuri strutturali bħar-rinnovazzjoni tal-enerġija fuq miżuri relatati mal-affordabbiltà — bħall-appoġġ għall-introjtu u l-programmi ta' assistenza soċjali jew assistenza finanzjarja temporanja — għall-unitajiet domestiċi

¹³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2407 tal-20 ta' Ottubru 2023 dwar il-faqar enerġetiku, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202302407.

¹⁴ L-Artikolu 5(5) tad-Direttiva jirreferi għall-Artikoli 3(3)(d) u 24 tar-Regolament ta' Governanza (UE) 2018/1999 li jirrikjedi li l-Istati Membri jiddeskrivu fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima tagħhom, il-politiki u l-miżuri, li jindirizzaw il-faqar enerġetiku inklużi miżuri ta' politika soċjali u programmi nazzjonali rilevanti oħra.

¹⁵ CEER/ACER, 2023. Bħala paragun, fl-2023, il-faqar enerġetiku tal-Belġju kien ta' madwar 6 %.

¹⁶ Il-konsumaturi eliġibbli huma dawk li għalqu 75 sena, il-konsumaturi li jikkwalifikaw għall-bonus soċjali abbażi ta' sitwazzjoni ekonomika jew minħabba kundizzjoni tas-saħħa (li jirrikjedu tagħmir mediku motorizzat), il-persuni b'diżabbiltà, li jgħixu f'akkomodazzjoni ta' emerġenza wara avveniment katastrofiku jew, li jgħixu fuq gżira żgħira u mhux interkonnessa.

¹⁷ It-tariffa soċjali ma hijiex soġġetta għall-Artikolu 5(3) peress li: “il-konsumaturi vulnerabbli jistgħu jagħżlu l-fornitur tagħhom, u l-iskont jiġi applikat għat-tariffa tan-network” u għalhekk il-fornituri jżommu l-libertà li jistabbilixxu l-prezzijiet.

¹⁸ Direção-Geral de Energia e Geologia. *Estratġia Nacional de Longo Prazo para o Combate à Pobreza Energética (RCM 11/2024, 8.1.2024)*. 2024. <https://www.dgeg.gov.pt/media/rgicnggr/rcm-11-2024-08-01-2024-estrat%C3%A9gia-nacional-de-longo-prazo-para-o-combate-%C3%A0-pobreza-energ%C3%A9tica.pdf>

f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku. It-tariffi soċjali jistgħu jintużaw bħala parti minn approċċ usa' u mmirat sew biex tittaffa t-tbatija immedjata.

1.3 Intervent fil-prezzijiet għall-benefiċċju tal-unitajiet domestiċi u tal-mikrointrapriżi kollha għal perjodu ta' tranżizzjoni lejn kompetizzjoni effettiva

L-Artikolu 5(6) tad-Direttiva dwar l-Elettriku jippermetti lill-Istati Membri jirregolaw temporanjament il-prezzijiet tal-elettriku matul tranżizzjoni lejn kompetizzjoni kompletament effettiva. Dan jippermetti interventi għal perjodu ta' żmien limitat meta l-benefiċċji tal-kompetizzjoni ma jitwettqux kompletament.

Il-kriterji għall-interventi fil-prezzijiet — fil-kuntest ta' tranżizzjoni lejn kompetizzjoni effettiva kif stabbilit skont l-Artikolu 5(7) — huma kumulattivi ma' dawk skont l-Artikolu 5(4) bl-għan ġenerali li tinħoloq struttura legali u ekonomika robusta biex jiġu evitati d-distorsjonijiet tas-suq. Dawn jinkludu — fost l-oħrajn — valutazzjoni tal-progress, trattament mhux diskriminatorju tal-fornituri, iffissar oġġla mill-kost, informazzjoni tal-benefiċjarji dwar offerti kompetittivi oħrajn u l-prevenzjoni ta' sussidjar reċiproku bejn il-klijenti tas-suq u tal-prezzijiet regolati. Filwaqt li xi pajjiżi integraw b'suċċess ir-regolamentazzjoni tal-prezzijiet b'liberalizzazzjoni gradwali tas-suq, oħrajn huma biss fil-bidu nett tal-fażijiet tranżizzjonali. Id-dinamika tas-suq tiżvela disparitajiet sinifikanti: pereżempju, 18 % tal-unitajiet domestiċi fil-Portugall, 27,3 % fil-Litwanja, 29 % fi Spanja, 57 % fi Franza u 63 % fil-Polonja għadhom jiddependu fuq tariffi regolati¹⁹. Dawn il-pajjiżi jirrapportaw li qed jindirizzaw ir-rekwiżiti deskritti fl-Artikolu 5(7)(a) billi qed jieħdu miżuri biex itejbu l-kompetizzjoni u li qed jimmonitorjaw il-progress. Madankollu, mhux kollha kemm huma stabbilew dati ċari għar-reviżjoni tal-iskemi tagħhom.

B'kuntrastr għal dan, f'diversi Stati Membri, eż. l-Ungerija, is-Slovakkja u l-Bulgarija²⁰, kważi 100% tal-klijenti tal-unitajiet domestiċi għandhom tariffi regolati. Il-miżuri f'xi Stati Membri għadhom ikopru l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises). Tali miżuri, filwaqt li kienu permessi matul il-kriżi skont ir-Regolament 2022/1854, huma f'kunflitt mad-Direttiva dwar l-Elettriku.

L-Artikolu 5(7)(a) jirrikjedi li l-interventi pubbliċi fl-iffissar tal-prezzijiet “*ikunu akkumpanjati minn sett ta' miżuri biex tinkiseb kompetizzjoni effettiva u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-progress b'rabta ma' dawk il-miżuri*”. Sabiex jissodisfaw dan l-obbligu, l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu pjan direzzjonali, organizzat madwar miżuri li għandhom jinkludu stadji importanti definiti u metodoloġija għall-valutazzjoni b'indikaturi. Tali pjan direzzjonali għandu jiddeskrivi miżuri biex jitnaqqsu d-distorsjonijiet fil-mekkaniżmi tal-ipprezzar, tissaħħaħ it-trasparenza fis-sinjali tas-suq, u tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fost il-fornituri – f'konformità mal-kriterji usa' stabbiliti fl-Artikolu 5(7).

Billi l-prezzijiet tal-provvista jiġu stabbiliti abbażi tad-dinamika tas-suq, l-Istati Membri jistgħu jrawmu l-investiment fl-enerġija rinnovabbli, itejbu l-istabbiltà tal-grilja, u jappoġġaw il-prevedibbiltà tal-kostijiet fit-tul għall-konsumaturi. Il-pjan direzzjonali għandu jintegra wkoll il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-produtturi tal-enerġija, il-konsumaturi u r-regolaturi, biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar l-affordabbiltà u l-volatilità tas-suq. Approċċ strutturat mhux biss se jħaffef l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli iżda se jiżgura wkoll li l-Istati Membri jibqgħu reżiljenti għal xokkijiet esterni, bħall-interruzzjonijiet ġeopolitiċi jew il-bidliet f'daqqa fid-domanda għall-enerġija.

¹⁹ Ir-Rapport tal-ACER dwar il-Monitoraġġ tas-Suq, 2025.

²⁰ Ir-Rapport tal-ACER dwar il-Monitoraġġ tas-Suq 2024, p. 23.

Diversi Stati Membri rnexxielhom jinnavigaw it-tranżizzjoni lejn it-trawwim ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-enerġija bl-innut filwaqt li jissalvagwardjaw l-interessi tal-konsumaturi. Pereżempju, bejn l-2000 u l-2011, l-Irlanda implimentat approċċ gradwali għall-ftuħ tas-suq filwaqt li fl-istess ħin avvanzat il-liberalizzazzjoni tas-suq bl-ingrossa. Il-Litwanja issa tinsab fi stadju avvanzat biex tintroduċi l-kompetizzjoni fis-suq bl-innut, u dan juri reżiljenza minkejja l-kriżi tal-enerġija. Abbażi tas-sottomissjonijiet tagħhom, tliet Stati Membri oħra ħabbru eliminazzjoni gradwali tal-interventi fil-prezzijiet fl-iffissar tal-prezzijiet bl-innut: ir-Rumanija, minn Lulju 2025, il-Polonja, minn Settembru 2025 u l-Portugall, minn Diċembru 2025. Dawn l-eżempji jenfasizzaw kif strateġiji gradwali u mmirati jistgħu jibbilanċjaw id-dinamiżmu tas-suq mal-protezzjoni tal-konsumatur.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(4)(c) u (d) u l-Artikolu 5(7)(b) jirrikjedu li l-interventi ma jiffavorixxux jew ma jiżvantaġġawx b'mod mhux ġustifikat lil benefiċjarji jew fornituri speċifiċi. L-impriżi kollha tal-elettriku jrid ikollhom aċċess ugwali għall-klijenti, u l-piż finanzjarju tal-interventi jrid jitqassam b'mod ġust²¹. Dawn id-dispożizzjonijiet jiżguraw li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi u jipprevjenu l-frammentazzjoni tas-suq, li huwa essenzjali fi swieq fejn ikun hemm fornitur (storiku) dominanti. Il-prezzijiet regolati ma għandhomx jagħtu vantaġġ mhux dovut lil fornituri partikolari, la permezz tal-immarkar ta' prezzijiet regolati, u lanqas permezz tal-użu tal-qafas tal-prezzijiet regolati biex jiġu promossi kuntratti oħra bbażati fis-suq minn dak il-fornitur.

Bl-allinjament tal-prezzijiet tal-provvista mal-kundizzjonijiet tas-suq, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-konsumaturi sinjali tal-prezzijiet aktar ċari filwaqt li jappoġġaw l-investiment rinnovabbli, isaħħu l-grilja, u jtejbju l-prevedibbiltà tal-kostijiet fit-tul għall-unitajiet domestiċi. Għal dawn ir-raġunijiet, u bħala objettiv ġenerali għall-Istati Membri li jimplementaw l-interventi fil-prezzijiet, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan direzzjonali ċar u marbut biż-żmien għat-tranżizzjoni lejn prezzijiet tal-provvista bbażati fis-suq, filwaqt li jallinjaw mal-prinċipji tat-tfassil riformat tas-suq tal-UE u mal-objettivi tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

Il-Kummissjoni se tistħarreġ aktar dwar l-intenzjoni ta' kull Stat Membru li jstabbilixxi u li jimplementa dawk il-pjanijiet direzzjonali. Il-Kummissjoni qed tivvaluta wkoll ir-rispett tar-regoli u l-prinċipji tal-UE u se ttejjeb il-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Membri biex tindirizza kwalunkwe kwistjoni(jiet) pendenti.

Għalkemm id-Direttiva 2019/944 ma tippredix data ta' rapportar ġdida wara l-1 ta' Janjar 2025, l-Istati Membri se jiġu mistiedna jirrapportaw regolarment dwar il-livell ta' kompetizzjoni fis-suq tal-elettriku bl-innut permezz tar-Rapport ta' Progress Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima (NECPR, National Energy and Climate Progress Reporting). Dan ir-rapportar jista' jirrifletti l-obbligi ta' rapportar eżistenti skont l-Artikolu 4(9) tad-Direttiva dwar il-Gass (2024/1788) li huma meħtieġa kull sentejn.

Applikazzjoni tal-prinċipji tal-Artikolu 5(4)

L-Istati Membri għandhom diskrezzjoni wiesgħa fid-determinazzjoni ta' x'jikkostitwixxi servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u obbligi assoċjati tas-servizz pubbliku. L-Istati Membri interpretaw il-kriterji skont l-Artikolu 5(4)(a) ta' "interess ġenerali", "neċessità" u "proporzjonalità" f'eżiti diversi²². Fis-sentenza Federutility, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat il-

²¹ Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' April 2010, Federutility, C-265/08, ECLI:EU:C:2010:205, il-punti 45-46.

²² Din l-awtonomija hija espliċitament garantita minn diversi strumenti legali tal-UE u affermata mill-ġurisprudenza tal-qrati u tat-tribunali tal-Unjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet b'mod konsistenti li d-dritt tal-Unjoni ma jipprevjenix lill-Istati Membri milli jqisu l-objettivi speċifiċi għall-politika nazzjonali tagħhom meta jiddefinixxu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

prinċipju tal-proporzjonalità fil-kuntest tal-intervent pubbliku fl-ipprezzar tal-gass naturali biex jiġi żgurat li l-interventi pubbliċi jibqgħu mmirati, effettivi, u b'bilanċjati b'mod xieraq fit-fassil u fl-applikazzjoni tagħhom — b'mod partikolari, l-intervent irid ikun limitat għal durata strettament meħtieġa biex jintlaħaq l-oġjettiv maħsub tiegħu.

L-Artikolu 5(4)(d) jirrikjedi li l-interventi pubbliċi kollha fl-iffissar tal-prezzijiet ikunu limitati fiż-żmien u proporzjonati fir-rigward tal-benefiċjarji tagħhom. Dan ir-rekwiżit irid jiġi interpretat fil-kuntest tal-prinċipji usa' ta' proporzjonalità u tal-inseguwiment ta' interess ġenerali. B'mod speċifiku, l-intervent irid jallinja ma' oġjettivi definiti fil-livell nazzjonali, bħall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku jew l-iffaċilitar ta' tranżizzjoni lejn kompetizzjoni effettiva. Il-limitazzjoni fiż-żmien tippermetti rieżami regolari biex jiġi vverifikat li l-kriterji kollha ta' intervent definiti fl-Artikolu 5 għadhom jiġu ssodisfati. Meta l-miżuri jitkoplew jew jiġu estenzi, dawn għandhom jerġgħu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni abbażi ta' valutazzjoni ġdida tan-neċessità.

1.4 Firxa tal-kompetizzjoni fost l-Istati Membri

Oġjettiv ewlieni tad-Direttiva dwar l-Elettriku — u b'mod partikolari l-Artikolu 5 — huwa li tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva fis-swieq tal-elettriku bl-immnut. Fir-rapporti tagħhom, 18-il Stat Membru rrapportaw li huma jqisu li hemm kompetizzjoni effettiva fis-seħħ fil-livell bl-immnut, filwaqt li ħames Stati Membri²³ wieġbu li ma hemmx.

Żewġ indikaturi tal-kompetizzjoni użati b'mod komuni huma l-Indiċi Herfindahl–Hirschmann (HHI, Herfindahl–Hirschman Index) u r-rata tal-qlib tal-fornituri²⁴. L-HHI juża ishma mis-suq tal-fornituri biex ikejjel kemm suq huwa kkonċentrat, b'konċentrazzjoni baxxa assoċjata ma' ħafna fornituri u b'hekk aktar kompetizzjoni, filwaqt li konċentrazzjoni għolja hija assoċjata ma' kundizzjonijiet inqas kompetittivi. Mill-2019 'l hawn, l-HHI medju fl-UE naqas marġinalment, u dan jindika xi titjib fil-kundizzjonijiet kompetittivi. Kien hemm varjazzjoni madwar l-Unjoni, u xi Stati Membri²⁵ jesperjenzaw żieda fil-kompetizzjoni u oħrajn²⁶ jaraw tnaqqis. B'mod ġenerali, l-Istati Membri mingħajr regolamentazzjoni tal-prezzijiet raw titjib fil-kompetizzjoni filwaqt li kien hemm deterjorament marġinali fil-kompetizzjoni (żieda fl-HHI ta' 1,7 %) fl-Istati Membri fejn kważi l-unitajiet domestiċi kollha kellhom prezzijiet regolati. Il-kriżi kellha effett negattiv fuq il-kompetizzjoni; fost it-12-il Stat Membru b'data annwali konsistenti dwar il-konċentrazzjoni tas-suq, l-indiċi medju (mhux ponderat) sempliċi tal-HHI żdied b'4,7 %²⁷. Dan huwa parzjalment spjegat mill-konsolidazzjoni u mit-tluq tal-fornituri²⁸ (bħala riżultat tal-kriżi) f'xi Stati Membri.

L-HHI għas-settur mhux tal-unitajiet domestiċi huwa ġeneralment aktar baxx minn dak għas-settur tal-unitajiet domestiċi madwar l-Istati Membri. Filwaqt li mill-2019 'l hawn sar xi titjib fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-settur mhux tal-unitajiet domestiċi, matul l-2022 u l-2023 il-kundizzjonijiet marru għall-aġġar f'xi Stati Membri.

Ir-rati tal-qlib ivarjaw b'mod konsiderevoli madwar l-UE. Rati oġġla jissuġġerixxu suq kompetittiv b'saħħtu, u rati aktar baxxi jindikaw għażla limitata għall-klijenti jew involviment

²³ L-Awstrija, il-Greċja, Spanja, l-Italja u l-Polonja.

²⁴ Id-data dwar dawn iż-żewġ indikaturi ġiet ipprovduta mill-ACER.

²⁵ Bħad-Danimarka, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, u l-Portugall.

²⁶ Jiġifieri l-Estonja, il-Finlandja u s-Slovenja.

²⁷ Iż-żieda perċentwali tirreferi għall-bidla medja fl-HHI bejn l-2022 u l-2021 għat-12-il Stat Membru li ġejjin: Id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, il-Portugall u s-Slovenja.

²⁸ Ara t-Tabella 10 tar-Rapport tal-ACER bl-isem [Energy Retail and Consumer Protection 2023 Market Monitoring Report](#). Kien hemm ferm aktar tluq tal-fornituri milli parteċipanti ġodda għal dan il-perjodu.

baxx tal-konsumaturi. Xi Stati Membri ġieli jkunu oġhla minn 20 %²⁹ u oħrajn huma konsistentement taħt il-5 %³⁰. Minn mindu ġiet introdotta d-Direttiva dwar l-Elettriku, ir-rata tal-qlib kemm fis-settur tal-unitajiet domestiċi³¹ kif ukoll fis-settur mhux tal-unitajiet domestiċi³² żdiedet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Filwaqt li r-rata medja tal-UE fis-settur tal-unitajiet domestiċi żdiedet matul il-bidu tal-kriżi fl-2022 (minn 8,7 % għal 9 %), din naqset fl-2023 (għal 7,15 %), possibbilment minħabba l-impatt tal-kriżi fuq il-fornituri u d-dinamika introdotta mill-interventi pubbliċi. Ġiet irreġistrata xejra simili fis-settur mhux tal-unitajiet domestiċi.

L-ACER³³ innotat li fost l-Istati Membri fejn ir-rata tal-qlib hija inqas minn 10 %, kważi tliet kwarti (73 %) għandhom fornituri dominanti. Hija osservat ukoll li l-interventi fil-prezzijiet jistgħu jaġixxu bħala diżinċentiv għall-qlib peress li l-perċentwal ta' klijenti domestiċi li jirċievu interventi fil-prezzijiet huwa komparattivament aktar baxx fl-Istati Membri fejn ir-rati tal-qlib huma oġhla minn 10 %. Bl-istess mod, hemm varjazzjoni fost l-Istati Membri fir-rata tal-qlib għal dawk li ma humiex unitajiet domestiċi. B' mod ġenerali, il-klijenti mhux domestiċi jaqilbu b'rati oġhla mill-unitajiet domestiċi, u fl-2023, ir-rata medja kienet id-doppju ta' dik tal-unitajiet domestiċi.

Fil-qosor, mill-introduzzjoni tad-Direttiva dwar l-Elettriku, jidher li l-kundizzjonijiet kompetittivi marru f'it għall-aħjar minkejja l-impatt tal-kriżijiet fuq il-prezzijiet tal-enerġija. Madankollu, il-kundizzjonijiet ivarjaw bejn l-Istati Membri. Ħafna swieq għandhom relattivament ikkonċentrati, u għadd kbir ta' risponenti (21,7 %) iqisu li ma hemm l-ebda kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-elettriku bl-imnut tal-Istat Membru tagħhom.

Fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-Istati Membri taw aġġornamenti dwar id-diffikultajiet li jiffaċċjaw³⁴ biex itejbu l-kundizzjonijiet kompetittivi u l-aktar erba' ostakli li ssemew huma:

- 1) rati baxxi tal-qlib u/jew involviment baxx irrapportat tal-konsumaturi (11-il Stat Membru),
- 2) l-impatt ta' parteċipant dominanti fis-suq (10 Stati Membri), u
- 3) id-daqs żgħir tas-suq (disa' Stati Membri).
- 4) aċċess baxx għas-suq bl-ingrossa u l-preżenza ta' prattiki antikompetittivi oħra fis-suq (ħames Stati Membri).

Miżuri “bla dispjaċir” huma disponibbli għall-Istati Membri li jistgħu jtejjbu b' mod sinifikanti l-kompetizzjoni, ir-reżiljenza fit-tul tas-suq u l-għażla tal-konsumatur. Dawn il-miżuri jtejjbu t-trasparenza, jiżguraw li l-fornituri jkollhom aċċess ġust għas-suq bl-ingrossa u jżidu l-flessibilità fil-kuntratti bl-imnut. Dawn huma deskritti fit-taqsimi li jmiss.

L-Istati Membri għandhom jaġhtu prijorità lill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti biex tiġi żgurata l-koerenza fis-suq intern tal-enerġija, filwaqt li għandhom il-libertà li jaġhżlu l-forma u l-metodu biex jintlaħaq objettiv komuni tipiku tad-direttivi. Huwa kritiku li l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar l-Elettriku kif emendata bid-Direttiva dwar it-Tfassil tas-Suq tal-Elettriku (UE) 2024/1711 (minn hawn 'il quddiem “EMD” (Electricity Market Design)). It-traspożizzjoni mdewma jew mhux kompluta ta' dawn ir-regoli tirriskja li timmina l-effettività tagħhom u ttawwal l-insigurtà tal-enerġija. Il-Kummissjoni tikkonferma d-

²⁹ Bħal Spanja, l-Italja u l-Polonja.

³⁰ L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Polonja u s-Slovakkja.

³¹ Żdiedet fi 17-il Stat Membru mit-23 li għalihom hija disponibbli d-data.

³² Żdiedet fi 15-il Stat Membru mit-22 li għalihom hija disponibbli d-data.

³³ ACER MMR 2024 [ACER-CEER_2024_MMR_Retail-1.pdf](#).

³⁴ Tliet Stati Membri biss (l-Iżvezja, is-Slovenja u l-Latvja) irrapportaw li ma kien hemm l-ebda ostaklu identifikabbli għall-kompetizzjoni.

disponibbiltà tagħha li tappoġġa u tħaffef l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.

1.4.1 Miżuri nazzjonali għat-titjib tal-kompetizzjoni fis-suq

Ir-rapporti tal-Istati Membri speċifikaw miżuri introdotti biex itejbu l-kompetizzjoni mill-introduzzjoni tad-Direttiva dwar l-Elettriku. Il-miżuri introdotti kienu:

1. miżuri biex jiġi żgurat aċċess ġust u trasparenti għas-suq bl-ingrossa (16-il Stat Membru)
2. l-introduzzjoni ta' għodod ta' tqabbil³⁵ (14-il Stat Membru)
3. simplifikazzjoni tal-proċeduri biex jiġi ffaċilitat id-dħul ta' fornituri ġodda (12-il Stat Membru)
4. kampanji ta' reklamar u informazzjoni għall-konsumaturi (disa' Stati Membri)
5. l-introduzzjoni ta' obbligi speċifiċi fuq fornituri dominanti (tmien Stati Membri)
6. l-introduzzjoni ta' titjib leġiżlattiv u regolatorju (tmien Stati Membri)

Il-pożizzjoni dominanti ta' xi atturi tas-suq kemm fil-produzzjoni kif ukoll fil-provvista tkompli xxekkel il-kompetizzjoni effettiva fis-swieq tal-elettriku bl-imnut. Li jiġi żgurat li l-fornituri jkollhom aċċess ġust u ugwali għas-suq bl-ingrossa — inkluż permezz ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija u kuntratti għal differenza kif introdotti mir-riforma tas-suq tal-elettriku³⁶ — huwa kruċjali għall-funzjonament tas-suq, b'mod partikolari fl-Istati Membri b'konċentrazzjoni sinifikanti tas-suq.

Sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jibbilanċjaw is-suq billi jiggwarantixxu aċċess ekwu u ġust għas-suq bl-ingrossa għall-fornituri kollha u jżommu trasparenza sħiħa.

L-avvanz tal-flessibbiltà mhux fossili fil-kuntratti kollha tas-suq bl-imnut, inklużi dawk fi swieq regolati huwa meħtieġ ukoll għall-kompetizzjoni. Minħabba r-restrizzjonijiet tan-network u l-ħtieġa ta' enerġija affordabbli, il-kuntratti flessibbli għall-provvista saru soluzzjoni ewlenija.

Il-varar tal-miters intelliġenti huwa kruċjali biex jiġu permessi kuntratti aktar flessibbli għall-provvista. Il-flessibbiltà issa hija inkorporata f'ħafna offerti bl-imnut — minn ipprezzar dinamiku u dak skont il-ħin tal-użu għal mudelli ibridi, li jikkombinaw l-istabbiltà u r-rispons, — u li jagħti lill-konsumaturi modi ġodda biex inaqqsu l-kontijiet u jappoġġaw l-istabbiltà tal-grilja.

Franza u Spanja juru li l-flessibbiltà tista' taħdem ukoll b'tariffi regolati permezz ta' mekkaniżmi bħall-ipprezzar ta' binhar/billejl u strutturi marbuta mal-bejgħ bl-ingrossa.

L-Istati Membri għandhom iħaffu l-varar tal-miters intelliġenti, appoġġati minn strateġiji ċari ta' involviment tal-konsumaturi biex jimmassimizzaw il-parteċipazzjoni f'offerti flessibbli. Dawn għandhom iħeġġu lill-fornituri kollha, inklużi dawk regolati, fejn ikun fattibbli, biex jinkorporaw karatteristiċi ta' flessibbiltà bħall-ipprezzar skont il-ħin tal-użu jew ibridu filwaqt li jissalvagwardjaw il-protezzjoni tal-konsumatur.

Fir-rigward tal-kombinazzjoni tal-flessibbiltà mar-regolamentazzjoni tal-prezzijiet, il-qafas minqax fl-Artikolu 66a tal-EMD jiżgura li l-unitajiet domestiċi u l-SMEs għad għandhom inċentivi biex inaqqsu l-konsum anke b'ipprezzar regolat. Diversi Stati Membri applikaw

³⁵ Din il-miżura hija obligatorja skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar l-Elettriku.

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/1747 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni.

b'suċċess dan il-prinċipju matul il-kriżi tal-enerġija u l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 66a jistgħu jiġu implimentati wkoll mill-Istati Membri matul perjodi mhux ta' kriżi, filwaqt li jipproteġu lill-konsumaturi u jippreżervaw is-sinjali tal-prezzijiet.

2. RWOL TAL-FLESSIBBILTÀ MIN-NAĦA TAD-DOMANDA FIT-TRANŻIZZJONI TAL-ENERĠIJA

2.1 Flessibbiltà bħala faċilitatur ewlieni ta' sistema tal-elettriku ċċentrata fuq il-konsumatur u dekarbonizzata

Il-flessibbiltà min-naħa tad-domanda tista' tappoġġa suq tal-elettriku bl-immnut effiċjenti u kompetittiv u ġġib benefiċċji kemm għall-konsumaturi direttament kif ukoll għas-sistema usa'. L-attivazzjoni tal-flessibbiltà bl-immnut se tgħin biex tiġi integrata l-ġenerazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli varjabbli u tagħti s-setgħa lill-konsumaturi biex jimmaniġġjaw aħjar l-enerġija tagħhom. It-twettiq ta' din il-flessibbiltà jirrikjedi qafas regolatorju effettiv li jipproteġi lill-konsumaturi, irawwem aċċess ekwu, u jżomm l-affordabbiltà. L-infrastruttura tal-kejl intelliġenti se tkun ċentrali għal din il-bidla.

B'mod ġenerali, il-konsumaturi li jixtiequ jkunu attivi u joffru l-flessibbiltà tagħhom lis-suq għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan. Għal dan, huma jeħtieġu qafas legali ċar, soluzzjonijiet u prodotti innovattivi li jippermettu lill-konsumaturi jibbenefikaw mill-għażla kif ukoll minn prezzijiet u minn premji ġusti. Barra minn hekk, il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni u għall-għodod permezz ta' sistemi ta' kejl intelligenti³⁷ u arranġamenti effettivi għall-aċċess għad-data li jagħtuhom is-setgħa li jagħmlu għażliet infurmati.

Huwa daqstant importanti li jiġi żgurat li l-klijenti finali involuti fil-flessibbiltà jkunu protetti b'salvagwardji robusti dwar l-arranġamenti kuntrattwali, it-trasparenza u l-informazzjoni dwar il-prodotti u l-prezzijiet, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data. Il-fornituri li jipprovdu kuntratti flessibbli bl-immnut u b'mod speċjali kuntratti dwar prezz dinamiku, għandhom jinformat b'mod adegwat lill-konsumaturi dwar ir-riskji u l-benefiċċji assoċjati ta' dawn l-offerti.

Fl-aħħar nett, is-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur trid titrawwem b'mod attiv; kampanji u inizjattivi ta' komunikazzjoni mmirati jistgħu jgħinu biex jiġu enfasizzati l-benefiċċji u r-riskji potenzjali tal-parteċipazzjoni fil-flessibbiltà, jappoġġaw l-involvement infurmat u jħeġġu lil aktar konsumaturi jikkontribwixxu.

2.2 Programmi ta' rispons tad-domanda

L-Artikolu 2(20) tad-Direttiva dwar l-Elettriku jiddefinixxi "rispons tad-domanda" bħala l-bidla fit-tagħbija tal-elettriku mill-klijenti finali mix-xejriet tal-konsum normali jew kurrenti tagħhom b'rispons għas-sinjali tas-suq, inkluż b'rispons għall-prezzijiet tal-elettriku varjabbli skont il-ħin jew ħlasijiet ta' inċentiv, jew b'rispons għall-aċċettazzjoni tal-offerta tal-klijent finali li jbigħ it-tnaqqis jew iż-żieda fid-domanda bi prezz f'suq organizzat, sew jekk waħdu jew permezz tal-aggregazzjoni.

Il-programmi ta' rispons tad-domanda huma ġeneralment maqsumin f'dawk ibbażati fuq il-prezz (jew "impliċiti") u f'dawk ibbażati fuq l-inċentivi (jew "espliciċiti"). Fir-rispons tad-domanda bbażat fuq l-inċentivi, il-konsumaturi, spiss permezz ta' parti terza, jaqblu minn qabel li jnaqqsu jew li jbiddu l-użu tal-elettriku tagħhom bi skambju għal kumpens finanzjarju dirett. Fil-prattika, din it-tip ta' flessibbiltà tintuża l-aktar fis-swieq tal-ibbilanċjar, fis-servizzi anċillari, u, fejn rilevanti, fil-mekkaniżmi tal-kapaċità. L-aggregaturi għandhom rwol kruċjali biex jikkombinaw tagħbijiet ta' flessibbiltà iżgħar mill-unitajiet domestiċi, min-negozji, u minn

³⁷ Skont id-definizzjoni fl-Artikolu 2(23) tad-Direttiva (UE) 2019/944, "sistema ta' kejl intelliġenti" tfisser sistema elettronika li hija kapaċi li tkejjel l-elettriku li jingħata fil-grilja jew l-elettriku kkonsumat mill-grilja, li ttiprovdi aktar informazzjoni minn miter konvenzjonali, u li hija kapaċi tittrasmitti u tirċievi data għall-finijiet ta' informazzjoni, monitoraġġ u kontroll, permezz ta' xi forma ta' komunikazzjoni elettronika.

klijenti industrijali zġhar, u minn riżorsi ta' ħżin, f'volumi kbar biżżejjed biex jipparteċipaw b'mod sinifikattiv fis-swieq tal-elettriku u jipprovdu servizzi lis-sistema.

Li jiġi żġurat li l-aggregaturi, inklużi aggregaturi indipendenti, ikunu jistgħu jaċċessaw is-swieq b'termini trasparenti u mhux diskriminatorji, u li l-konsumaturi jkunu jistgħu jiffirmaw faċilment għas-servizzi tagħhom, huwa essenzjali għall-isfruttar tar-rispons tad-domanda bbażat fuq l-inċentivi.

Il-kuntratti flessibbli bl-innut jaqgħu taħt ir-rispons tad-domanda bbażat fuq il-prezz. F'dak il-każ, il-konsumaturi jirreaġixxu għall-prezzijiet tal-elettriku li jvarjaw maż-żmien — bħat-tariffi skont il-ħin tal-użu, l-ipprezzar dinamiku, jew l-ipprezzar massimu kritiku — u jaġġustaw il-konsum tagħhom kif xieraq, mingħajr ma jidħlu f'impenn espliċitu separat biex iwasslu tnaqqis speċifiku fit-tagħbija.

2.3 Qafas legali

Il-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa introduċa l-qafas għall-flessibbiltà tad-domanda, inkluża d-definizzjoni ta' rwoli u responsabbiltajiet ewlenin fost il-parteeċipanti fis-suq, u l-modalitajiet li jirregolaw l-elettriku flessibbli bl-innut. Flimkien, id-Direttiva (UE) 2019/944, kif emendata bl-EMD³⁸, u r-Regolament dwar l-Elettriku (UE) 2019/943³⁹ (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar l-Elettriku"), kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1747⁴⁰, jipprovdu l-qafas legali għal offerti flessibbli bl-innut inklużi dispożizzjonijiet li jippermettu lill-konsumaturi jkollhom kuntratti separati għal tagħbijiet flessibbli, bħal iċċarġjar tal-vetturi elettriċi u pompi tas-sħana, mill-użu tal-unità domestika primarja tagħhom.

Ir-rispons tad-domanda huwa l-aktar effettiv meta l-konsumaturi jkollhom aċċess għal prezzijiet bl-innut ibbażati fis-suq, kif meħtieġ mill-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Elettriku. Fl-Istati Membri fejn l-interventi fil-prezzijiet jibqgħu fis-seħħ, it-tranżizzjoni lil hinn minnhom trid tiġi mmaniġġjata bir-reqqa biex tiġi ssalvagwardjata l-affordabbiltà, filwaqt li jkunu permessi sinjali ċari tal-prezzijiet li jappoġġaw il-kuntratti flessibbli għall-provvista tal-elettriku.

L-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar l-Elettriku jikkomplementa d-dispożizzjonijiet bażiċi dwar l-għażla libera tal-fornitur u tal-prezzijiet tal-provvista bbażati fis-suq billi jirrikjedi li tal-inqas kuntratt dwar prezz dinamiku tal-elettriku wieħed ikun disponibbli fis-suq għall-klijenti finali b'miter intelliġenti. Sabiex jiġu żġurati t-trasparenza u l-fiduċja, u biex jiġu ffaċilitati deċiżjonijiet infurmati, il-fornituri huma meħtieġa jiddeskrivu f'termini ċari l-benefiċċji u r-riskji possibbli qabel ma l-klijenti jiffirmaw.

Dawn id-dispożizzjonijiet huma msaħħa mill-Artikolu 13 dwar il-kuntratti ta' aggregazzjoni u l-Artikoli 15 u 17, li jiddefinixxu r-reġim għall-klijenti attivi u r-rispons tad-domanda permezz ta' aggregazzjoni. L-Istati Membri huma obbligati jiżguraw aċċess mhux diskriminatorju għas-swieq kollha tal-elettriku għall-konsumaturi u għall-aggregaturi, u jistabilixxu mekkaniżmi xierqa tas-suq li jippermettu l-flessibbiltà għall-parteeċipazzjoni u li jiġu valwati kif xieraq fis-swieq kollha.

³⁸ Id-Direttiva (UE) 2024/1711 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (ĠU L, 2024/1711, 26.6.2024), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1711/oj>.

³⁹ Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni) (ĠU L, 2019/158, 14.6.2019, p. 54), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/943/oj>.

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/1747 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (ĠU L, 2024/1747, 26.6.2024), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1747/oj>.

Ir-regoli li ġejjin, bħall-kodiċi tan-network dwar ir-rispons tad-domanda⁴¹, li se jistabbilixxu qafas komuni tal-UE għall-attivazzjoni u għar-remunerazzjoni tal-flessibbiltà fis-swieq kollha, flimkien mal-att ta' implimentazzjoni dwar l-interoperabbiltà tad-data għar-rispons tad-domanda⁴², li se jiffaċilita l-aċċess għad-data rilevanti, huma mistennija li jikkomplementaw il-qafas eżistenti u jappoġġaw aktar l-adozzjoni tar-rispons tad-domanda. Barra minn hekk, il-kodiċi ta' kondotta għall-apparati intelligenti⁴³ se jgħin biex jiġi żgurat li l-apparati konnessi fid-djar intelliġenti jkunu jistgħu jirrispondu mingħajr xkiel għal kuntratti flessibbli għall-provvista, filwaqt li jsaħħaħ kemm il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi kif ukoll l-effiċjenza tas-sistema.

2.4 Kejl intelliġenti bħala faċilitatur fundamentali

Il-miters intelliġenti huma rekwiżit essenzjali għall-konsumaturi biex jipparteċipaw f'konsum flessibbli tal-enerġija, u jagħmlu possibbli l-fatturazzjoni bbażata fuq il-ħin, jippermettu għarfien f'ħin reali, u jappoġġaw l-awtomatizzazzjoni. Dawn jipprovdu wkoll aċċess imtejjeb u sigur għad-data dwar il-kejl u l-konsum u jgħinu lill-klijenti finali jirċievu stimi ċari tal-kostijiet u offerti mfassla apposta. Dan jagħtihom is-setgħa li jagħmlu għażliet infurmati. Fl-Istati Membri fejn il-varar huwa aktar avanzat, il-konsumaturi diġà qed igawdu prodotti marbuta mal-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa li jinċitaw ir-rispons min-naħa tad-domanda u jgħinu biex jitnaqqsu l-kostijiet tas-sistema.


Filwaqt li l-varar ta' sistemi ta' kejl intelliġenti madwar l-UE mxiet b'mod konsiderevoli 'l quddiem, is-sitwazzjoni għadha ma hijiex uniformi. Fl-aħħar tal-2024, ir-rata ta' penetrazzjoni għall-kejl intelliġenti tal-elettriku fl-EU-27 kienet ta' madwar 60 %, abbażi ta' data mill-ACER-Kunsill tar-Regolaturi Ewropej tal-Enerġija (CEER, Council of European Energy Regulators)⁴⁴. 15-il Stat Membru laħqu livelli ta' penetrazzjoni oġhla minn 80 %, inklużi 10 Stati Membri li huma qrib il-kopertura sħiħa. 12-il Stat Membru għadhom taħt it-80 %, li minnhom, seba' Stati Membri għadhom lura jew minħabba dewmien fl-introduzzjoni tagħhom jew minħabba li għadhom ma ddeċidewx li jkomplu b'varar fuq skala kbira. Il-graff li ġejja turi l-penetrazzjoni ta' miters intelliġenti madwar l-UE.

⁴¹ Il-bażi legali għal dan il-kodiċi tan-network tinsab fl-Artikolu 59(1)(e) tar-Regolament (UE) 2019/943.

⁴² Il-bażi legali għal dan l-att ta' implimentazzjoni tinsab fl-Artikolu 24(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944.

⁴³ Is-sit web tal-KE-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) dwar il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Apparati Intelliġenti tal-Enerġija, aċċessat fil-25.9.2025; url: <https://ses.jrc.ec.europa.eu/development-of-policy-proposals-for-energy-smart-appliances>.

⁴⁴ ACER-CEER, Energy Retail Market Monitoring report 2024 (Settembru 2024) u Electricity country sheets monitoring data tal-ACER 2024 (Lulju 2025).



Illustrazzjoni 1: L-introduzzjoni tal-kejl intelliġenti fl-UE (abbażi tad-data mir-rapport tal-monitoraġġ tas-suq (MMR, Market Monitoring Report) tal-ACER-CEER 2024 u l-iskedi tal-pajjiżi tal-ACER (Lulju 2025).

Is-sistemi ta' kejl intelliġenti jridu jinkorporaw il-funzjonalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar l-Elettriku. Funzjonalitajiet bħall-forniment ta' data ta' kejl invalidata u l-forniment ta' data kważi f'ħin reali li jirriflettu l-perjodu tal-issettjar tal-iżbilanċ fis-suq nazzjonali huma kruċjali biex jgħinu fl-introduzzjoni ta' servizzi tal-enerġija li jippremjaw ix-xejriet flessibbli tal-konsum.

Barra minn hekk, il-konsumaturi jeħtieġu pariri u informazzjoni xierqa qabel jew fil-ħin li jiġu installati l-miters intelliġenti. Dan huwa essenzjali biex tinbena l-fiduċja tal-konsumaturi u biex ikunu jistgħu jsiru għażliet infurmati. Tali pariri u informazzjoni għandu jkollhom l-għan mhux biss li jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar l-għażliet disponibbli għall-konsumaturi, iżda li jibnu wkoll fehim dwar kif l-apparati li jaħdmu bil-flessibbiltà (bħall-pompi tas-sħana, iċ-ċarġers tal-vetturi elettriċi, jew l-apparati tad-djar intelliġenti) jistgħu jinteraġixxu ma' miters intelliġenti. Dan se jgħin biex jiġi jitħaffef l-użu effettiv tal-flessibbiltà fis-swieq bl-immnut billi tiġi promossa l-integrazzjoni Prattika ta' apparat flessibbli u infrastruttura tal-kejl intelliġenti.

L-aċċess interoperabbli għad-data dwar il-kejl u l-konsum huwa daqstant kritiku biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-miters intelliġenti u biex jiġu ffaċilitati s-servizzi ta' flessibbiltà. Il-Kummissjoni qed ttejjgħi t-triq għal regoli tekniċi aktar speċifiċi dwar l-interoperabbiltà tad-data għar-rispons tad-domanda. L-iffaċilitar tal-aċċess għad-data dwar il-kejl huwa essenzjali mhux biss biex jiġu appoġġati s-servizzi ta' rispons tad-domanda iżda wkoll biex jiġi jtrafmu offerti innovattivi bl-immnut u biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jimmaniġġjaw b'mod attiv il-potenzjal tagħhom tal-konsum u tal-flessibbiltà.

F'dan ir-rigward, hemm tliet prijoritajiet:

- **Varar rapidu:** li jiġi żgurati li l-miters intelliġenti jiġu varati mingħajr dewmien u li jkunu mġammra b'funzjonalitajiet li jippermettu prezzijiet dinamiċi, feedback kważi f'ħin reali, u interoperabbiltà għal aċċess mingħajr xkiel għad-data b'mod sigur.

- **Aċċess interoperabbli għad-data:** Ir-rekwiżiti tal-UE dwar l-aċċess għad-data, inkluż ir-Regolament (UE) 2023/1162^{45,46}, jiżguraw li kemm il-fornituri tas-servizzi kif ukoll il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu użu faċli u effettiv mid-data dwar il-kejl u l-konsum fis-servizzi tal-flessibbiltà.
- **Involvement tal-konsumaturi:** sabiex tkun kompletament effettiva, l-introduzzjoni tal-miters intelliġenti tkun akkumpanjata bl-aħjar mod minn komunikazzjoni ċara, displejs fid-djar, u għodod diġitali li jippermettu lill-konsumaturi jaraw, jifhmu, u jaġixxu fuq id-data tagħhom dwar il-konsum u l-kostijiet tal-enerġija.

2.5 Promozzjoni ta' kuntratti flessibbli bl-innut adattati għall-iskop tagħhom

Il-kuntratti flessibbli bl-innut jippermettu lill-konsumaturi jinteraġixxu mas-suq permezz ta' sinjali tal-prezzijiet, jimmaniġġjaw l-użu tal-elettriku tagħhom u jnaqqsu l-kontijiet tagħhom, filwaqt li jippermettu mmaniġġjar aħjar tal-karga massima. Dawn jappoġġaw ukoll l-effiċjenza tas-sistema u l-integrazzjoni tal-ġenerazzjoni rinnovabbli, billi jinċentivaw il-konsum matul perjodi ta' elettriku abbondanti b'kost baxx u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Hemm tipi differenti ta' kuntratti flessibbli għall-provvista tal-elettriku li huma adatti għal profili differenti tal-konsumaturi:

- Kuntratti ta' pprezzar dinamiku⁴⁷, li huma bbażati fuq il-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa, jipprovdu lill-konsumaturi b'sinjali tal-prezzijiet li jħeġġu aġġustamenti f'ħin reali tal-użu tal-enerġija tagħhom. Dawn huma partikolarment rilevanti għall-konsumaturi b'assi flessibbli, bħall-vetturi elettriċi u l-pompi tas-sħana, li jistgħu jbiddu faċilment id-domanda tagħhom u jnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom b'mod konsiderevoli.
- Il-prodotti tal-provvista skont il-ħin tal-użu li jaqsmu l-jum f'għadd limitat ta' intervalli tal-prezzijiet (eż. żoni ta' binhar/billejl jew ta' karga massima/siġhat kwieti). Dawn huma inqas ikkumplikati u aktar prevedibbli u huma aċċessibbli għall-utenti finali b'kapaċità fissa ta' trasferiment tat-tagħbija.
- Il-kuntratti ibridi, li spiss jintegraw element ta' pprezzar fiss u flessibbli, għall-konsumaturi li jixtiequ jkollhom kost tal-enerġija aktar prevedibbli. Dawn jippermettu lill-konsumatur jikseb il-vantaġġ tal-flessibbiltà filwaqt li jevita skopertura sħiħa għall-volatilità tal-prezzijiet.
- L-ipprezzar massimu kritiku (CPP, Critical Peak Pricing), fejn il-prezzijiet tal-elettriku jiġu miżjuda sostanzjalment matul il-perjodi ta' domanda eċċessiva jew ta' provvista stretta (eż. fejn il-kontribut tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jkun baxx).

Dawn kollettivament jipprovdu lill-konsumatur b'għażla wiesgħa li tarmonizza mal-kapaċità u mar-rieda tiegħu li jinvolvi ruħu bi flessibbiltà.

Kuntratti dwar prezz dinamiku tal-elettriku: Il-kuntratti dwar prezz dinamiku jorbtu l-prezzijiet bl-innut direttament mal-prezzijiet tas-suq bl-ingrossa, tipikament is-suq ta' ġurnata bil-quddiem jew tal-istess ġurnata. Dawn jistgħu joffru ffrankar sinifikanti fil-kostijiet tal-enerġija lill-konsumaturi b'assi flessibbli u rieda li jimmaniġġjaw ir-riskju tal-prezz, bħas-sidien tal-vetturi elettriċi (EV, Electric Vehicles) jew l-unitajiet domestiċi b'sistemi ta' tišhin

⁴⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1162 tas-6 ta' Ġunju 2023 dwar ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà u l-proċeduri nondiskriminatorji u trasparenti għall-aċċess għad-data dwar il-kejl u l-konsum, ĠU L 154, 15.6.2023, pp. 10–40, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/impl/2023/1162/oj>.

⁴⁶ Ir-Regolament (UE) 2023/1162 jipprovdi qafas trasparenti biex jippermetti lill-klijenti finali u lill-partijiet eliġibbli jaċċessaw data storika invalidata u mhux invalidata kważi f'ħin reali dwar il-kejl u l-konsum b'mod f'waqtu, sempliċi u sigur. Ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-interoperabbiltà tal-aċċess għad-data u l-iskambju mill-parteċipanti fis-suq, filwaqt li jipromwovi s-servizzi tal-enerġija u l-kompetizzjoni fis-suq bl-innut.

⁴⁷ L-ipprezzar dinamiku spiss jissejjaħ l-ipprezzar f'hin reali (RTP, Real-Time Pricing), ara pereżempju Florence School of Regulation, "Dynamic Retail Electricity Tariffs: Choices and Barriers", 2020.

intelliġenti, peress li jippermettu lill-konsumaturi jibbenefikaw minn prezzijiet aktar baxxi meta l-ġenerazzjoni rinnovabbli tkun abbondanti, filwaqt li jkunu esposti għal prezzijiet oġhla meta s-sistema tkun stretta⁴⁸.

Skont id-data tal-ACER-CEER⁴⁹, il-kuntratti dwar prezz dinamiku huma disponibbli għall-unitajiet domestiċi f'16-il Stat Membru; madankollu, ftit pajjiżi biss juru adozzjoni konsiderevoli ta' tali kuntratti⁵⁰. Diversi Stati Membri b'penetrazzjoni baxxa ħafna tal-miters intelliġenti ma joffru l-ebda kuntratt dwar prezz dinamiku, bi ftit eċċezzjonijiet biss. F'dawn is-swieq, in-nuqqas ta' infrastruttura abilitanti jispjega n-nuqqas ta' offeriti flessibbli bl-imnut, u jenfasizza l-importanza li titħaffef l-introduzzjoni tal-kejl intelliġenti biex tiġi sfruttata l-flessibilità min-naħa tad-domanda.

Qafas legali u prinċipji ewlenin għal kuntratti dwar prezz dinamiku tal-elettriku: Id-Direttiva dwar l-Elettriku tiddefinixxi “kuntratt dwar prezz dinamiku tal-elettriku” bħala kuntratt għall-provvista li jirrifletti l-prezzijiet fis-swieq spot f'intervalli mill-inqas ugwali għall-perjodu ta' tpaċija tas-suq⁵¹. Il-konsumaturi kollha b'miter intelliġenti jgawdu d-dritt għal kuntratt dwar prezz dinamiku tal-elettriku minn tal-inqas fornitur wieħed u mill-fornituri kollha b'aktar minn 200 000 klijent fil-pajjiż. Il-kuntratti dwar prezz dinamiku għandhom jipprovdu lill-konsumaturi b'riflessjoni mill-qrib tal-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tas-suq, li tippermettilhom jirrispondu kif xieraq. L-objettiv ġenerali huwa li l-klijenti finali b'kuntratti dwar prezz dinamiku jaġġustaw ix-xejriet tal-konsum tagħhom b'mod flessibbli, u dan jgħin biex jiġu mmitigati ż-żidiet fil-prezzijiet bl-ingrossa.

L-Artikolu 11(1a) tad-Direttiva dwar l-Elettriku jirrikjedi li, qabel il-konklużjoni jew l-estensjoni ta' kwalunkwe kuntratt, inkluż kuntratt dwar prezz dinamiku, il-klijenti jiġu infurmati dwar il-prezz totali u d-diżaggregazzjoni tiegħu, kif ukoll dwar jekk il-prezz huwiex fiss, varjabbli jew dinamiku. Filwaqt li b'kuntratt dwar prezz dinamiku ma huwiex possibbli li l-fornituri jikkomunikaw il-prezz finali lill-konsumatur ġimgħat minn qabel⁵², dawn għandhom ikunu f'pożizzjoni li jikkomunikaw b'mod ċar kif il-prezzijiet tas-suq spot jissarrfu fi prezzijiet tal-konsumatur.

Barra minn hekk, u fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva (UE) 2019/944, il-klijenti finali jeħtieġ li jiġu infurmati bis-sħiħ mill-fornituri dwar l-opportunitajiet (eż. kostijiet aktar baxxi meta jadattaw il-konsum għal perjodi orħos, parteċipazzjoni fl-integrazzjoni rinnovabbli), il-kostijiet u r-riskji (eż. esponiment għal żidiet fil-prezzijiet, volatilità akbar tal-kontijiet għall-konsumaturi mingħajr flessibilità). Huwa daqstant ieħor importanti li l-klijenti finali jiġu infurmati dwar il-prerekwiżiti tekniċi, b'mod partikolari l-ħtieġa ta' miter intelliġenti adegwat.

Kuntratti ibridi: Il-kuntratti dwar prezz dinamiku jaf ma jkunux adattati għall-klijenti kollha. Iċ-ċirkostanzi ta' xi konsumaturi jistgħu jkunu tali li jkunu limitati f'termini tal-flessibilità li jistgħu jipprovdu b'kuntratt dwar prezz dinamiku. Konsumaturi oħrajn jistgħu jkunu mħassba dwar l-esponiment għar-riskju finanzjarju matul perjodi ta' volatilità intensa tal-prezzijiet.

⁴⁸ Abbażi tad-data mir-rapport ta' monitoraġġ tas-suq tal-ACER tal-2025 (“*Rewarding Flexibility: How retail contract choice can help unlock consumer flexibility*”) u l-kalkoli proprji tal-Kummissjoni, il-konsumaturi tal-elettriku jistgħu jiffrankaw sa 40 % jekk jaqilbu għal kuntratt dwar prezz dinamiku u jimmaniġġjaw b'mod attiv il-konsum tagħhom.

⁴⁹ Rapport ta' Monitoraġġ tas-Suq tal-Enerġija bl-Imnut tal-ACER-CEER għall-2024 (Tabella Anness 3).

⁵⁰ Skont l-iskedi tal-pajjiżi tal-elettriku tal-ACER (Lulju 2025), il-penetrazzjoni ta' kuntratti dwar prezz dinamiku tal-elettriku fi ftit Stati Membri biss hija ta' aktar minn 5 % (FI, LV, NL, SE, ES).

⁵¹ “Kuntratt dwar prezz dinamiku tal-elettriku” tfisser kuntratt għall-provvista tal-elettriku bejn fornitur u klijent finali li jirrifletti l-varjazzjoni fil-prezz fis-swieq spot, inkluż fis-swieq tal-ġurnata bil-quddiem u dawk fl-istess ġurnata, f'intervalli li tal-anqas ikunu ugwali għall-frekwenza ta' tpaċija tas-suq.

⁵² Kif meħtieġ mill-Artikolu 10(4) tad-Direttiva (UE) 2019/944.

Iż-żidiet reċenti fil-prezzijiet tal-enerġija għamli dan saħansitra aktar ovvjju, u enfasizzaw il-ħtieġa ta' għażliet kuntrattwali li joffru kemm flessibbiltà kif ukoll stabbiltà. Il-kuntratti ibridi tal-ipprezzar jipprovdu taħlita ta' stabbiltà u flessibbiltà li jistgħu jkunu ideali għall-konsumaturi li jridu jżommu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom prevedibbli iżda huma wkoll miftuħin biex jiffrankaw il-flus billi jaġġustaw kif u meta jużaw l-elettriku. Billi jikkombinaw il-prevedibbiltà mar-rispons, il-kuntratti ibridi jistgħu jiffrankaw apposta skont il-ħtiġijiet diversi tal-konsumaturi u għandhom il-potenzjal li joffru grad ta' sigurtà flimkien ma' livell ta' flessibbiltà, u b'hekk jipprovdu lill-konsumaturi b'aktar għażla, kontroll, u fiduċja fl-immaniġġjar tal-użu tal-enerġija tagħhom.

ACER-CEER⁵³ jidentifikaw tipi differenti ta' kuntratti ibridi. Xi kuntratti ibridi huma mfassla biex jiproteġu lill-konsumaturi minn żidiet fil-prezzijiet filwaqt li xorta waħda jirriflettu x-xejriet tas-suq. Pereżempju, il-limiti massimi tal-prezzijiet, sabiex il-konsumatur ma jesperjenza l-ebda kont għoli mhux mistenni. Kuntratti oħra joffru sigħat bla ħlas jew bi skont li jħeġġu lill-konsumaturi jaqilbu l-użu tagħhom għal dawm il-perjodi b'kostijiet aktar baxxi. Hemm ukoll il-possibbiltà ta' kuntratti mfassla apposta għall-vetturi elettriċi, li jikkombinaw ir-rati fissi tas-sigħat kwieti ma' inċentivi għall-iċċarġjar intelliġenti. Tali kuntratti jistgħu jakkomodaw kapaċitajiet ta' iċċarġjar bidirezzjonali, jipprovdu inċentivi speċifiċi għall-konsumaturi biex inaqqsu l-konsum fi żminijiet ta' domanda massima, u li l-iċċarġjar isir meta l-prezzijiet ikunu baxxi.

Sabiex jappoġġaw l-adozzjoni ta' kuntratti ibridi, l-Istati Membri għandhom joħolqu kundizzjonijiet regolatorji li jippermettu lill-fornituri jesperimentaw b'offerti ibridi innovattivi, filwaqt li jiggwarantixxu t-trasparenza, il-komparabbiltà u l-protezzjoni tal-konsumatur. Li tali prodotti jsiru viżibbli permezz ta' għodod għat-tqabbil tal-prezzijiet se jkun kruċjali biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati u tiġi evitata l-konfużjoni.

Eżempji mill-Istati Membri⁵⁴

Fil-**Finlandja**, kuntratt ibridu⁵⁵ jikkombina pprezzar fiss u flessibbli. Il-konsumaturi jħallsu prezz fiss għall-konsum tagħhom iżda jistgħu jnaqqsu l-kontijiet tagħhom billi jaqilbu l-użu għal sigħat bi prezzijiet orħos (eż. bejn is-1:00 am u s-6:00 am). Dawn jistgħu jibbenefikaw billi jagħżlu b'mod korrett il-ħin biex iwettqu attivitajiet intensivi fl-enerġija bħall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi jew it-tisħin tal-ilma, filwaqt li jevitaw ir-riskju ta' żidiet sinifikanti fil-prezzijiet meta mqabbla ma' kuntratt dinamiku.

Barra minn hekk, fil-**Finlandja**⁵⁶, varjazzjoni fl-ipprezzar fiss u flessibbli tikkombina kuntratt bi prezz fiss ma' "impatt fuq il-konsum" ta' kull xahar fejn il-konsumaturi, abbażi tal-informazzjoni li jirċievu permezz ta' applikazzjoni, jistgħu jaġġustaw l-użu tal-elettriku tagħhom biex jieħdu vantaġġ minn jiem u sigħat orħos, u b'hekk inaqqsu l-kost finali tal-elettriku tagħhom.

⁵³ ACER-CEER, Energy Retail Market MMR 2024.

⁵⁴ L-eżempji ppreżentati f'dan id-dokument huma biss biex juru t-tipi ta' kuntratti li qed jiġu diskussi. Dawn ma humiex lista eżawrjenti ta' prodotti disponibbli madwar l-UE.

⁵⁵ Kuntratt "Välkky" offrut minn Väre Ltd.

⁵⁶ Il-kuntratt "Oomi Fex" offrut minn Oomi Oy; il-kumpanija tistma li 90 % tal-klijenti b'dan il-kuntratt flessibbli jħallsu inqas meta mqabbla ma' kuntratt bi prezz kompletament fiss billi jagħżlu l-ħin biex jagħmlu użu mill-elettriku tagħhom. Il-klijenti jistgħu jħallsu aktar mir-rata fissa jekk ma jippjanawx il-konsum tagħhom f'ħinijiet partikolari kif xieraq. L-applikazzjoni għandha rwol ewlieni billi tinforma lill-klijenti dwar l-aktar perjodi ta' konsum kosteffettivi.

Fil-**Belġju**, kuntratt⁵⁷ joffri sigħat fissi ta' sigħat kwieti fi tliet żoni ta' ħin, li jikkombina żoni b'rata baxxa u żoni b'rata baxxa ħafna. Il-klijenti jistgħu jiġu infurmati dwar iż-żoni ta' ħin differenti permezz ta' applikazzjoni u jottimizzaw il-konsum tagħhom. Is-sidien tal-vetturi elettriċi jistgħu jużaw karatteristika ta' ċċarġjar intelliġenti.

Fi **Franza**, kuntratt speċifiku għall-vetturi elettrici⁵⁸ jikkombina stazzjon tal-iċċarġjar, tariffa tal-elettriku ddedikata, u applikazzjoni li permezz tagħha l-utent ikollu aċċess għal servizzi ta' monitoraġġ u ta' ċċarġjar intelliġenti. Il-klijenti jistgħu jiċċarġjaw il-vetturi tagħhom matul perjodi b'kost baxx u jottimizzaw l-iċċarġjar u l-iffrankar permezz tal-karatteristika tal-iċċarġjar intelliġenti.

Ipprezzar massimu kritiku (CPP): L-Artikolu 7a tar-Regolament dwar l-Elettriku jistabbilixxi prodott speċjali għat-trażżin tal-quċċata tad-domanda, li huwa maħsub biex jintuża biss fi żminijiet ta' kriżi fil-prezzijiet tal-elettriku⁵⁹. Dan il-mekkaniżmu tat-trażżin tal-quċċata tad-domanda regolat b'mod temporanju u marbut maż-żmien jista' jeżisti flimkien ma' offerri tas-CPP ibbażati fis-suq. Dawn diġà jeżistu f'xi Stati Membri, fejn il-fornituri joffru prodotti ta' pprezzar massimu biex jinċentivaw lill-konsumaturi jnaqqsu d-domanda matul perjodi b'kost għoli bħala parti minn operazzjonijiet normali bl-imnut. Tali prodotti tas-CPP kummerċjali huma parti mill-innovazzjoni regolari bl-imnut u mill-għażla tal-konsumatur.

Tisħiħ tal-għażla permezz ta' kuntratti għall-provvista multipli: L-Artikolu 4 emendat tad-Direttiva (UE) 2019/944 isaħħaħ id-drittijiet tal-konsumaturi billi jiżgura li l-klijenti finali kollha jkunu liberi mhux biss li jagħżlu l-fornitur tal-elettriku tagħhom, iżda wkoll li jikkonkludu aktar minn kuntratt għall-provvista wieħed fl-istess ħin, billi jkollhom diversi punti ta' kejl u ta' fatturazzjoni fil-bini tal-klijent marbuta ma' punt ta' konnessjoni uniku. Din l-għażla tista' tiġi attivata permezz ta' sistemi ta' kejl intelliġenti jew submitters⁶⁰.

Din id-dispożizzjoni l-ġdida għandha implikazzjonijiet importanti għall-promozzjoni tal-flessibbiltà fil-kuntratti bl-imnut. B'mod partikolari, din tagħti lill-konsumaturi l-għażla li jiddiżaggregaw id-domanda tagħhom għall-elettriku f'kuntratti differenti skont in-natura tat-tagħbijiet tagħhom. Għalhekk, il-konsumaturi jistgħu jkopru l-ħtiġijiet tal-elettriku tagħhom billi jużaw kuntratti differenti għall-apparati tagħhom. Pereżempju:

- Vetturi elettriċi (EVs): il-klijenti jistgħu jagħżlu kuntratt dinamiku jew skont il-ħin tal-użu għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi, u jottimizzaw il-kostijiet billi jittrasferixxu l-iċċarġjar għal sigħat bi prezz baxx.
- Pompi tas-sħana: it-tagħbijiet tat-tisħin jistgħu jkunu koperti minn kuntratt skont il-ħin tal-użu, jew fejn l-installazzjoni tippermetti, minn kuntratt dwar prezz dinamiku jew kuntratt ibridu.
- Karga bażika tal-unitajiet domestiċi: il-bqija tad-domanda tal-unitajiet domestiċi tista' tiġi koperta minn kuntratt fiss konvenzjonali, li jipprovi prevedibbiltà għall-konsum ta' kuljum.

Tali separazzjoni kuntrattwali tevita l-għażla “kollox jew xejn” li l-konsumaturi jistgħu jiffaċċjaw billi jadottaw kuntratt dinamiku għall-konsum kollu tal-unitajiet domestiċi tagħhom.

⁵⁷ Il-kuntratt “Empower Flexi-time” offrut minn ENGIE, għall-klijenti b'konsum akbar li jistgħu jċaqilqu parti sinifikanti mill-konsum tal-elettriku tagħhom (pereżempju karożżi elettriċi, batteriji intelliġenti jew apparati programmabbli intensivi fl-enerġija).

⁵⁸ Kuntratt “Ma Recharge Intelligente” offrut minn ENGIE.

⁵⁹ Kif iddikjarat f'konformità mal-Artikolu 66a tad-Direttiva (UE) 2019/944.

⁶⁰ Skont il-Premessa 19 tad-Direttiva (UE) 2024/1711, l-avvanzi fit-teknoloġija tal-kejl u tal-kejl separat flimkien mat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jagħmluha teknikament possibbli li jkun hemm diversi fornituri għal bini individwali.

Minflok, l-unitajiet domestiċi jistgħu jikkombinaw l-istabbiltà mal-flessibbiltà billi jżommu parti mid-domanda tagħhom protetta kontra kwalunkwe riskju tal-prezz, filwaqt li jesponu tagħbijiet flessibbli għal sinjali xierqa tal-prezzijiet.

Interazzjoni mat-tariffi tan-network: It-tariffi tan-network jikkostitwixxu parti konsiderevoli mill-kont tal-elettriku⁶¹ u bl-investimenti tal-grilja mistennija li jiżdedu fis-snin li ġejjin, dan is-sehem x'aktarx li jkompli jiżded⁶². It-tariffi tan-network li jirriflettu l-kostijiet jistgħu jipprovdu inċentivi biex id-domanda tiġi ttrasferita lil hinn mill-perjodi tal-eqqel sigħat, jitnaqqsu l-kostijiet ġenerali tas-sistema, u jiġu kkomplementati kuntratti flessibbli bl-imnut⁶³. Sabiex tiġi massimizzata l-effettività, l-istrutturi tariffarji għandhom jirriflettu l-kostijiet tas-sistema, iħeġġu t-trasferiment tat-tagħbija fl-eqqel ħinijiet, u jibqgħu ġusti u affordabbli għall-utenti kollha, inklużi dawk b'potenzjal limitat tal-flessibbiltà. Il-vantaġġi ta' konġestjoni mnaqqa tal-grilja għandhom iwasslu biex jitnaqqsu l-kostijiet tas-sistema.

It-tariffi tan-network li jirriflettu l-kostijiet, f'konformità mal-Gwida tal-Kummissjoni tal-2025 dwar id-disinn tat-tariffi tad-distribuzzjoni⁶⁴ jistgħu jallinjaw l-inċentivi u jippremjaw aktar iċ-ċaqliq tad-domanda f'sitwazzjonijiet fejn il-fornituri joffru kuntratti dinamiċi jew ibridi. Għalhekk, l-Istati Membri u r-regolaturi huma mħeġġa jiżguraw li t-tariffi tan-network jirriflettu l-kostijiet u jipprovdu sinjali ta' flessibbiltà li huma konsistenti ma' kuntratti flessibbli bl-imnut. Dan jirrikjedi koordinazzjoni mill-qrib fost ir-regolaturi, l-operaturi tas-sistema u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Sabiex iħeġġu u jappoġġaw l-iżvilupp tal-flessibbiltà, l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji u l-fornituri, għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq l-aspetti li ġejjin:

- **Jiddiversifikaw il-prodotti bl-imnut** billi jappoġġaw l-introduzzjoni ta' prodotti dinamiċi, skont il-ħin tal-użu u ibridi li jillimitaw l-esponiment għas-suq filwaqt li jippreżervaw is-sinjali tal-prezzijiet, sabiex il-konsumaturi bi gradi differenti ta' rieda u ta' kapaċità li jieħdu riskji jkollhom l-għażla ta' kuntratt flessibbli.
- **Jinċentivaw l-innovazzjoni** billi jħeġġu proġetti pilota u ambjenti ta' esperimentazzjoni regulatorja għal prodotti ġodda fis-suq bħall-kuntratti ibridi. Jikkomplementaw dan b'inċentivi ġusti, limitati fiż-żmien u xierqa, imfassla b'mod soċjalment ikkalibrat, biex jappoġġaw l-adozzjoni inizjali ta' offerti flessibbli u ta' apparati abilitanti (eż. l-integrazzjoni tal-vetturi elettriċi u tal-pompa tas-sħana, il-kontrolluri intelliġenti). Dawn l-inċentivi għandhom ikunu strutturati bir-reqqa biex jevitaw ir-regressività u jiżguraw li l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetika ma jiġux esklużi.
- **Jiżguraw li l-parteċipazzjoni għall-flessibbiltà tibqa' volontarja**, trasparenti, u mfassla apposta għall-ħtiġijiet differenti tal-konsumaturi, b'salvagwardji għall-klijenti vulnerabbli u f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-offerti bl-imnut jippremjaw il-flessibbiltà, filwaqt li jiproteġu lil dawk il-

⁶¹ Skont ir-Rapport ta' Monitoraġġ tas-Suq tal-Enerġija bl-Imnut tal-ACER-CEER għall-2024, il-kostijiet tal-elettriku tan-network jirrappreżentaw 24 % tal-kont medju tal-elettriku tal-UE. Filwaqt li l-kostijiet tan-network kienu jirrappreżentaw sehem ogħla mill-kont tal-elettriku, minħabba ż-żidiet reċenti fil-prezz tal-elettriku, il-komponent tal-enerġija kien l-ixprunatur primarju tal-kost ġenerali tal-enerġija mġarrab mill-konsumaturi.

⁶² COM(2025)4010 final "Linji Gwida dwar tariffi tan-network li jibqgħu validi fil-futur għal kostijiet imnaqqa tas-sistema tal-enerġija".

⁶³ It-tariffi flessibbli tan-network tad-distribuzzjoni jistgħu jipprovdu lieva addizzjonali biex jiġi inċentivat il-konsum flessibbli. Bħalissa għadd ta' Stati Membri diġà japplikaw tariffi tan-network fakultattivi jew obligatorji "ta' matul il-lejl" jew tariffi oħra skont il-ħin tal-użu (ACER, "Unlocking flexibility: No-regret actions to remove barriers to demand response", 2025). It-tariffi tan-network jistgħu jiġu imposti jew direttament permezz ta' kuntratt ta' servizz tal-grilja jew indirettament permezz tal-kuntratt għall-provvista tal-enerġija.

⁶⁴ C ĠU C, C/2026/126, 9.1.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/126/oj>

konsumaturi li għandhom inqas kapaċità li jinvolvu ruħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-konsumaturi jkunu protetti sew kontra Prattiki Inġusti ta' kummerċjalizzazzjoni, inklużi t-telekummerċjalizzazzjoni aggressiva u l-informazzjoni qarrieqa, u dan jista' jwassal biex il-konsumaturi jidħlu f'kuntratti dwar prezz dinamiku li ma jaqblux mal-ħtiġijiet tagħhom.

- **Jiżguraw id-disponibbiltà ta' kejl intelliġenti adattat għall-iskop tiegħu u l-aċċess ottimali għad-data** billi jħaffu l-introduzzjoni tal-miters intelliġenti u jinfurzw bis-siħ ir-rekwiżiti tal-interoperabbiltà tal-aċċess għad-data (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1162), u b'hekk jippermettu aċċess f'waqt u sigur għall-informazzjoni għall-konsumaturi u għall-fornituri tas-servizzi. Jiggarantixxu standards minimi f'konformità mal-funzjonalitajiet awtorizzati (l-Artikolu 20 tad-Direttiva dwar l-Elettriku) għall-kopertura tal-miters intelliġenti, l-aċċess għad-data kważi f'ħin reali, u l-hooks tal-awtomatizzazzjoni, sabiex il-konsumaturi u l-għodod ta' partijiet terzi jkunu jistgħu jirrispondu b'mod effettiv.
- **Iżidu s-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi** billi jipprovdu informazzjoni ċara dwar il-vantaġġi, l-iżvantaġġi u l-adeqwatezza ta' kull tip ta' kuntratt. Dan jista' jinkludi kampanji ċari u sempliċi permezz ta' diversi pjattaformi u mezz ta' komunikazzjoni, li jkopru l-formazzjoni tal-prezzijiet, l-impatti tipiċi tal-kontijiet għal profili differenti tal-konsumaturi, xenarji tar-riskju, u kanali tal-ilmenti.
- **Jirrikjedu li l-fornituri tal-elettriku jipprovdu paraguni illustrattivi tal-kontijiet**, li juru x'kien iħallas konsumatur taħt offerti dinamiċi, fissi, jew skont il-ħin tal-użu, abbażi tad-data storika dwar il-konsum. Il-fornituri jistgħu jużaw ukoll metodi indipendenti ta' tfassil ta' profili tar-riskju għall-klijenti qabel ma jiġi konkluż kuntratt ma' klijent. Il-fornituri għandhom ikunu obbligati jiddivulgaw l-informazzjoni rilevanti rigward l-allokkazzjoni tar-riskji u l-prinċipji tar-remunerazzjoni f'format standard stabbilit mill-awtorità regolatorja nazzjonali. Barra minn hekk, matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, il-fornituri jistgħu jipprovdu informazzjoni u pariri personalizzati biex jgħinu lill-konsumaturi jaġġustaw id-drawwiet tal-konsum tagħhom
- **Jirrikjedu għodod ta' tqabbil online biex ma jippreżentawx biss prezzijiet** li joffru prodotti tal-ipprezzar dinamiċi differenti **iżda wkoll skopertura għar-riskju u ffrankar potenzjali** għall-konsumatur, meta mqabbla ma' prodotti bi prezz fiss jew ma' prodotti oħra b'differenza fiż-żmien. Tali għodod għandhom ikunu newtrali, issorveljati pubblikament biex tiġi żgurata l-fiduċja, u aċċessibbli għall-konsumaturi b'inqas hiliel diġitali.
- **Jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji ta' awtomatizzazzjoni** (eż. sistemi tal-immaniġġjar fid-dar u termostats intelliġenti, ċarġers intelliġenti tal-vetturi elettriċi, apparati intelliġenti) li jgħinu lill-konsumaturi jisfruttaw il-benefiċċji tal-ipprezzar dinamiku mingħajr intervent manwali kostanti. Fl-iżvilupp ta' kwalunkwe inizjattiva nazzjonali relatata mal-apparati intelliġenti, l-Istati Membri huma mistiedna jibnu fuq il-kodiċi ta' kondotta tal-UE għal apparati intelliġenti fl-enerġija interoperabbli sabiex iħeġġu l-użu ta' apparati b'karatteristiċi ta' flessibbiltà interoperabbli u miftuħa, aktar milli jiżviluppaw approċċi nazzjonali li jirriskjaw li jikkawżaw frammentazzjoni fis-suq uniku għal apparati bħat-tiħin, il-ventilazzjoni, u l-arja kkundizzjonata (HVAC, Heating, Ventilation, Air Conditioning) jew apparati elettrodomestiċi kbar⁶⁵.

⁶⁵ Il-Kummissjoni se tiżgura li l-mudelli ddikjarati bħala konformi mal-kodiċi ta' kondotta tal-manifatturi firmatarji jkunu jistgħu jinstabu meta ssir tfittxija fuq ir-reġistru Ewropew tal-prodotti għat-tikkettar tal-enerġija, (EPREL, European product registry for energy labelling) (url: https://energy-efficient-products.ec.europa.eu/eprel_en).

- **Jindirizzaw l-inklużjoni diġitali u l-aċċess ekwu** billi jiżguraw li l-konsumaturi b’ħiliet diġitali limitati jew b’konnettività ma jitħallewx jibqgħu lura. Il-miżuri jistgħu jinkludu punti ta’ aċċess offline, helplines, għodod ta’ tqabbil ibbażati fuq mezz stampat, u appoġġ immirat permezz ta’ organizzazzjonijiet tal-konsumaturi. Tali passi huma essenzjali biex jiġi garantit li offerti flessibbli jkunu aċċessibbli għall-unitajiet domestiċi kollha u ma jirriskjawx li ma jintużawx biżżejjed minħabba ostakli diġitali.
- **Jiżguraw li l-organizzazzjonijiet nazzjonali tal-konsumaturi u r-regolaturi tal-enerġija jiżviluppaw gwidi sempliċi** li jispjegaw liema profili tal-konsumaturi huma l-aktar adatti għal kuntratti dinamiċi, skont il-ħin tal-użu jew ibridi. Il-gwidi għandhom jenfasizzaw ukoll is-salvagwardji mmirati disponibbli għall-konsumaturi vulnerabbli u f’sitwazzjoni ta’ faqar enerġetiku, bħall-karatteristiċi fakultattivi ta’ “stabilizzatur tal-kontijiet” fi ħdan kuntratti flessibbli. Dawn il-mekkaniżmi jiproteġu lill-unitajiet domestiċi kontra l-volatilità fuq perjodu qasir jew kontra żidiet temporanji estremi fil-prezzijiet filwaqt li jippreżervaw l-inċentiv biex tinbidel id-domanda, u jistgħu jitfasslu bħala żidiet fakultattivi, miżuri mmirati għal gruppi vulnerabbli, jew strumenti temporanji attivati matul perjodi ta’ kriżi.
- **Jimmonitorjaw u jirrapportaw il-progress.** L-Istati Membri u/jew ir-regolaturi għandhom isegwu l-adozzjoni ta’ kuntratti dwar prezz dinamiku u l-impatt fuq il-kostijiet tal-elettriku għall-konsumaturi u jirrapportaw is-sejbiet tagħhom kif xieraq biex jinformat l-aġġustamenti xprunati mill-evidenza fis-suq (l-Artikolu 11 u l-Artikolu 59 tad-Direttiva dwar l-Elettriku). Il-monitoraġġ għandu jinkludi eżiti ekwi u distributtivi, ilmenti tal-konsumaturi, u l-effettività tal-miżuri ta’ protezzjoni, biex jiġu żgurati aġġustamenti kontinwi u bbażati fuq l-evidenza. F’dak il-kuntest, huwa rakkomandat ukoll li jiġi mmonitorjat l-iżvilupp ta’ kuntratti flessibbli bl-imnut oħra billi jitqiesu aspetti simili.

KONKLUŻJONIJIET

L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Elettriku jipprovdi qafas regolatorju strutturat iżda flessibbli għall-interventi fil-prezzijiet pubbliċi fis-suq tal-elettriku bl-imnut. Dan jagħti s-setgħa lill-Istati Membri biex jirrispondu għal sfidi speċifiċi dment li dawn l-oġġettivi jallinjaw mal-interess ekonomiku ġenerali u mal-prinċipji tad-Direttiva dwar l-Elettriku. Din l-adattabbiltà tippermetti reazzjonijiet ta’ politika mfassla apposta filwaqt li tippreżerva l-koeżjoni tas-suq intern tal-enerġija. Il-kriterji deskritti fl-Artikolu 5 jiggwidaw ukoll l-implimentazzjoni ta’ interventi speċifiċi għall-kriżijiet skont l-Artikolu 66a tal-EMD, filwaqt li jiżguraw konsistenza regolatorja matul l-emerġenzi. Billi tillimita l-interventi għal dawn il-każijiet speċifiċi, id-Direttiva ssaħħaħ il-prinċipju ewlieni tas-suq tal-ipprezzar xprunat mill-fornitur, filwaqt li tiżgura li l-interventi jibqgħu rari u limitati fiż-żmien. L-interventi għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri strutturali biex tiġi żviluppata kompetizzjoni effettiva jew biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku.

L-Artikolu 5 jipprovdi qafas reżiljenti u adattabbli li jindirizza vulnerabbiltajiet immedjati mingħajr ma jikkomprometti l-evoluzzjoni fit-tul ta’ suq tal-enerġija tal-UE unifikat u dinamiku. F’dan ir-rapport, il-Kummissjoni enfasizzat Prattiki li jgħinu lill-Istati Membri jtejbu l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5. F’dan l-istadju, il-Kummissjoni Ewropea ma tipproponix li tintroduċi proposta leġiżlattiva ġdida fir-rigward tal-Artikolu 5. Madankollu, il-Kummissjoni se tkompli tirreżamina l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5 flimkien mal-appoġġ għall-inklużjoni ta’ aktar flessibbiltà fis-swieq bl-imnut.

Il-monitoraġġ tal-iżviluppi reċenti jikkonferma li l-flessibilità bl-immnut qed tiġi rikonoxxuta dejjem aktar bħala element importanti biex tinkiseb sistema tal-enerġija ċentrata fuq il-konsumatur, affordabbli u reżiljenti. Il-kuntratti dinamiċi, skont il-ħin tal-użu u ibridi issa huma disponibbli f'għadd dejjem akbar ta' Stati Membri, appoġġati mill-introduzzjoni gradwali tal-kejl intelliġenti u minn regoli aktar ċari dwar l-aċċess għad-data. Meta dawn il-kundizzjonijiet ikunu fis-seħħ, il-konsumaturi jkun jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq, jaġġustaw il-konsum tagħhom, inaqqsu l-kontijiet tagħhom, u jikkontribwixxu għall-effiċjenza ġenerali tas-sistema.

Fl-istess ħin, l-analiżi turi li huwa meħtieġ aktar progress. Il-varar ta' kuntratti flessibbli bl-immnut tal-elettriku jista' jitħaffef permezz ta' implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar l-Elettriku u tar-Regolament dwar l-Elettriku, kif ukoll permezz tal-iżvilupp ta' oqfsa xierqa li jiffaċilitaw id-disponibilità ta' offerti flessibbli fis-suq. Għalhekk, l-Istati Membri u r-regolaturi għandhom rwol importanti fil-konfront tal-partijiet ikkonċernati ewlenin biex iħeġġu l-adozzjoni ta' kuntratti flessibbli bl-immnut u jidentifikaw u jnaqqsu l-ostakli għall-adozzjoni tagħhom.

Il-flessibilità ma għandhiex tiġi promossa b'mod indiskriminat. Minflok, din trid tibqa' volontarja, trasparenti u mfassla apposta għall-ħtiġijiet differenti tal-konsumaturi, b'salvagwardji għal kliġenti vulnerabbli u f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku. L-offerti bl-immnut ta' dan it-tip huma l-aktar effettivi fejn il-flessibilità tista' ġenwinament tingħata, filwaqt li l-konsumaturi li għandhom inqas kapaċità li jinvolvu ruħhom jirrikjedu protezzjoni xierqa.

L-Istati Membri huma mitluba jimplementaw il-prattiki tajbin li jinsabu f'dan ir-rapport biex jappoġġaw l-approċċi nazzjonali għall-promozzjoni ta' kuntratti flessibbli tas-suq bl-immnut. Sabiex l-ipprezzar dinamiku tal-elettriku jiffunzjona b'mod effettiv, il-konsumaturi jeħtieġu informazzjoni ċara u trasparenti dwar il-prezzijiet u l-konsum tal-elettriku biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati. Il-feedback għall-konsultazzjoni⁶⁶ kkonferma li t-trasparenza u l-komparabilità huma essenzjali biex tinbena l-fiduċja, filwaqt li l-lakuni fil-kejl intelliġenti u fl-aċċess għad-data għandhom ostakli ewlenin. Mingħajr tali appoġġ, żidiet mhux mistennija fil-kontijiet jistgħu jimminaw il-fiduċja u jnaqqsu r-ritmu tat-tranżizzjoni lejn naħa tad-domanda aktar flessibbli.

Fl-istess ħin, huwa importanti li tiġi appoġġata l-introduzzjoni ta' kuntratti flessibbli oħra, bħall-prodotti skont il-ħin tal-użu u ibridi, biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' bażi usa' ta' kliġenti. L-input pubbliku wera appoġġ qawwi għal mudelli ibridi bħala soluzzjoni bbilanċjata bejn isinjali tal-prezzijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti salvagwardji biex jiġi żgurat li l-kuntratti kollha jibqgħu volontarji, trasparenti u jinftiehem, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-konsumaturi li jaf ikollhom inqas kapaċità biex jivvalutaw ir-riskji u l-opportunitajiet ta' tali prodotti. Il-partijiet ikkonċernati sottomlinjaw ukoll il-ħtieġa ta' protezzjonijiet proporzjonati, b'mod partikolari għall-konsumaturi vulnerabbli, filwaqt li wissew kontra miżuri diretti li jistgħu jdgħajfu s-sinjali effettivi tal-prezzijiet.

⁶⁶ Ara l-feedback għall-konsultazzjoni miftuħa li saret mill-Kummissjoni Ewropea skont il-“Pakkett tal-Enerġija taċ-Ċittadini: inħarsu u nirresponsabilizzaw lill-konsumaturi fit-tranżizzjoni ġusta” (konsultazzjoni miftuħa, Inizjattiva Nru 14737), il-portal *Semma' Lehek*, aċċessat fil-25.9.2025; url: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14737-Citizens-Energy-Package-protecting-and-empowering-consumers-in-the-just-transition_mt.